TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**John Farrugia**

**Vs**

**Melita Limited**

CCT 205/25/CC

Illum, 15 ta' Lulju 2026

It-Tribunal;

Ra t-Talba ta' l-atturipprezentata fis-26 ta' Novembru 2025, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' €751.22c (seba' mija, wiehed u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu), rapprezentanti spejjez u danni in konnessjoni ma' kuntratt ta' telefon cellulari adett mas-socjeta intimata

Ra li s-socjeta intimata Melita Limited notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ipprezentat risposta fejn ikkontestat it-talba avvanzata mill-attur, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Ra li s-socjeta intimata Melita Limited ipprezentat ukoll Kontro-Talba, fejn talbet il-hlas ta' l-ammont ta' €60.11c (sittin ewro u hdax-il centezmu) rapprezentanti ammont ta' fattura dovuta mill-attur ghas-servizzi rezi.

Ra li l-attur intavola risposta ghal Kontro-Talba, fejn ikkontesta l-istess Kontro-Talba ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta, kif ukoll talab hlas ulterjuri ta' l-ammont ta' €500 (hames mitt ewro) in linea ta' danni dovuti mis-socjeta intimata lir-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' u ha konjizzjoni tal-provi dokumentarji estensivi tal-partijiet.

Sema' s-sottomisjonijiet orali tal-partijiet.

Ikkunsidra;

Illi jirrizulta li fl-1 ta' April 2025 l-attur iffirma kuntratt ta' sentejn mas-socjeta intimata fuq telefon cellulari, liema kuntratt kien jinkludi *mobile data*. Kif ikkonfermat mill-attur, ghal ewwel xahrejn tal-kuntratt, huwa kien qieghed jinghata servizz, izda f'Gunju 2025 huwa irriskontra problemi ta' konnessjoni ghal internet. L-attur immedjatament avvanza l-ilment tieghu mas-socjeta intimata, li da parti taghha jirrizulta li hadet l-azzjoni mehtiega sabiex tindirizza l-ilment ta' l-attur.

Illi jirrizulta li s-socjeta intimata baghtet inginier ghand l-attur sabiex jivverifika dwar il-problemi ta' konnessjoni li kien qieghed jesperjenza l-attur. Irrizulta li effettivament kien hemm problemi, u s-socjeta intimata offriet l-ammont ta' €250 (mitejn u hamsin ewro) lil attur, liema somma giet rifjutata mill-attur. Inoltre, jirrizulta li s-socjeta intimata minhabba l-problemi ta' konnessjoni, offriet lil attur li ma tinponix il-penali ghat-terminazzjoni tal-kuntratt qabel iz-zmien minhabba id-diffikultajiet fis-servizz ta' l-internet.

Illi jigi rimarkat ulterjorment li minn analizi tat-telefon cellulari ta' l-attur, dan ma kienx jissaportja teknologija sabiex huwa jkollu s-servizz ta' l-internet fuq bazi ta' '4G' jew '5G', u ghalhekk din kienet ukoll parti mir-raguni ghad-diffikultajiet fil-konnessjoni ta' l-internet li l-attur kien qieghed jirriskontra.

Illi mill-provi prodotti mis-socjeta intimata, jirrizulta li fix-xhur bejn ix-xhur ta' Novembru 2025 sa' Jannar 2026, l-attur kien qed jaghmel uzu mis-servizz ta' l-internet fuq it-telefon cellulari tieghu, u dan wara li gew ezebiti diversi 'logs' li jikkonfermaw dan, ai termini ta' dokument ezebit fl-atti ta' dawn il-proceduri u mmarkata bhala Dokument MA 1.

Illi jirrizulta li precedentement ghal l-intavolar ta' dawn il-proceduri, kien hemm diversi skambji bejn il-partijiet, u jirrizulta wkoll li s-socjeta intimata avvanzat diversi offerti lil attur, liema offerti gew kollha rifjutati.

Illi t-Tribunal jirrileva li fl-ewwel lok, l-attur qed jitlob hlas ta' l-ammont ta' €751.22c (seba' mija, wiehed u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu). Jirrizulta ukoll li ulterjorment l-attur qed jitlob ammont ta' €500 (hames mitt ewro) in linea ta' danni dovuti mis-socjeta intimata ghal akkadut.

Fic-cirkostanzi tal-kaz, min evalwazzjoni dettaljata tal-provi prodotti minn entrambi l-partijiet, it-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax li s-socjeta intimata ghamlet dak kollu possibli sabiex tipprovdi soluzzjoni lil attur u din il-vertenza tigi konkluza. Fil-fatt, jirrizulta li s-socjeta intimata baghtet inginier fuq il-post ta' l-attur sabiex jaghmel il-verifiki necessarji rigward il-problemi esperjenzati mill-attur. L-attur gie offrut somma ta' €250 (mitejn u hamsin ewro) bhala kumpens, u rifuzjoni ta' €30.97c (tletin ewro u seba' u disghin

centezmu) minhabba d-diffikulta fil-konnessjni ta' l-internet, u gie offrut ukoll li l-kuntratt ta' sentejn jigi tterminat qabel iz-zmien minghajr hlas ta' penali. Madankollu l-attur ma accetax dawn l-offerti u pproceda b'dawn il-proceduri.

Illi inoltre jigi rilevat li kif ikkonfermat minn dokument ezebit mis-socjeta intimata fl-atti ta' dawn il-proceduri, liema dokument huwa ezebit bhala Dokument MA 1, fix-xhur bejn Novembru 2025 sa' Jannar 2026, l-attur kien qed jaghmel uzu mis-servizz ta' l-internet fuq it-telefon cellulari tieghu, u dan wara li gew ezebiti diversi 'logs' ai termini ta'l-istess dokument. Dan il-fatt ma giex kontradett mill-attur. Jirrizulta li sussegwentement bdew jiknhargu fatturi ghal hlas tas-servizz minghand l-attur, liema fatturi baqghu mhux imhallsin.

Inoltre, t-Tribunal josserva li l-attur naqas li jipprovdi rendikont, jew alternattivament x'jirraprezenta dan l-ammont reklamat minnu permezz ta' din il-procedura.

Illi in vista tal-premess, u tenut kont tal-provi dokumentarji pprezentati fl-atti ta' dawn il-proceduri, it-Tribunal qieghed fl-ewwel lok jichad in parte t-talba avvanzata mill-attur ghal hlas ta' l-ammont ta' €751.22c (seba' mija, wiehed u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu), u jiddikjara li l-ammont dovut mis-socjeta intimata ghandu jkun dak offert minnha lil attur, u cioe' ta' €250 (mitejn u hamsin ewro). Madankollu, b'referenza ghal kontro-talba avvanzata mis-socjeta intimata, din tirrizulta gustifikata u ghalhekk mill-ammont ta' €250 (mitejn u hamsin ewro), ghandha titnaqqas is-somma ta' €60.11c (sittin ewro u hdax-il centezmu).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad in parte it-talba avvanzata mill-attur ghal hlas ta' l-ammont ta' €751.22c (seba' mija, wiehed u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu), u jiddikjara li s-socjeta intimata ghandha thallas lil attur l-ammont ta' €250 (mitejn u hamsin ewro), u jilqa' l-Kontro-Talba tas-socjeta intimata ghal ammont ta' €60.11c (sittin ewro u hdax-il centezmu), b'dan li kwalsiasi hlasijiet ohrajn dovuti mill-attur fuq fatturi ulterjuri qed jibqghu impregudikati fil-konfront tas-socjeta intimata.

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez inkorsi minhha f'dawn il-proceduri.

C Cherrett

**Avv. Dott. Charmaine Cherrett**
**Arbitru**